MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 109/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (10.05.2008) (Ara c-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. JS1’);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, huma sodisfatti *stante :*
   i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk de facto separati, sa minn Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009), filwaqt li ilhom legalment separati sa mill-ghoxrin ta’ April tas-sena elfejn u tnax (20.04.2012) in forza ta’ kuntratt redatt min-Nutar Andre’ Farrugia (Ara l-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok JS2’);
   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
   iii. Illi l-partijiet skont l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni kienu irrinunzjaw ghad-dritt li jezigu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m’hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment;
4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala ‘Dok JS 3’;
5. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f’Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’Malta;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportuna tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fl-ghaxra ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (10.05.2008);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u il-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha teccepixxi :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors de quo nhar it-3 ta' Gunju, 2014;

Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti tissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qeghda tikkontesta u/jew topponi ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti thoss li l-ispejjez marbuta ma dan id-divorzju ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti stante li huwa r-rikorrent li istitwixxa dawn il-proceduri;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Novembru 2009 u ilhom legalment separati mill-20 ta' April, 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------